Nru. 18,254
Prezz/Price
€0.75 (Lm0.32)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 23 ta' Mejju, 2008
Friday, 23rd May, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 422

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2008, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' Synergix Ltd.

It-23 ta' Mejju, 2008

Nru. 423

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali approva li nhar is-Sibt, 21 ta' Ġunju 2008, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Corinthia Event Catering Ltd.

It-23 ta' Mejju, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 422

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Thursday, 19th June, 2008 from 4.00 p.m. onwards the Lower Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of Synergix Ltd.

23rd May, 2008

No. 423

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Resources and Rural Affairs has approved that on Saturday, 21st June 2008, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of Corinthia Events Catering Ltd.

23rd May, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tar-Regolament 19 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista li turi n-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li ġew stampati, in-numru mqassam skond is-subartikolu (1) tar-Regolament 17, in-numru tal-karta ta' l-identità, l-isem u l-indirizz tal-persuni li talbu l-kunsinna tad-dokumenti skond is-subartikolu (6) tar-Regolament 17, in-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li nżammu milli jingħataw u r-raġunijiet għal dan u n-numru tal-karta ta' l-identità, l-isem u l-indirizz ta' l-eletturi konċernati, u n-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li baqgħu ma nġabrux u n-numru tal-karta ta' l-identità, l-isem u l-indirizz ta' l-eletturi konċernati.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-23 ta' Mejju, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In pursuance with the provisions of subsection (1) of Regulation 19 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, there is hereby published as a schedule to this notice a list indicating the number of voting documents printed, the number distributed in terms of subsection (1) of Regulation 17, the identity card number, name and address of the persons who to date have claimed delivery thereof in terms of subsection (6) of Regulation 17, the number and reasons for voting documents withheld and the identity card number, name and address of the voters concerned, and the number of voting documents which remained uncollected and the identity card number, name and address of the voters concerned.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

23rd May, 2008

ELEZZJONI GĦALL-KUNSILL LOKALI TA' MTARFA
MTARFA LOCAL COUNCIL ELECTION

Numru ta' Dokumenti għall-Votazzjoni Stampati 1764
Number of Voting Documents Printed 1764

Numru ta' Dokumenti għall-Votazzjoni mqassma mill-Pulizija 1382
Number of Voting Documents distributed by Police Officers 1382

Numru ta' Dokumenti għall-Votazzjoni li nżammu milli jingħataw 3
Number of Voting Documents withheld 3

Numru ta' Dokumenti għall-Votazzjoni mhux Irtirati 202
Number of Uncollected Voting Documents 202

IN LINE WITH OUR PRIVACY POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAINS PERSONAL INFORMATION IS NOT BEING DISPLAYED ONLINE

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

List of Undelivered Voting Documents

Riferenzi għad-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma tqassmux

A Rapportati mejta
B Ma nstabux fl-indirizz
C Rifjutat għax il-votant imsiefer
D Rifjutat għax id-Dokument għandu ritratt ta' ħaddieħor
E Rifjutat mill-votant stess
F Raġunijiet oħra

It-23 ta' Mejju, 2008

References to undelivered Voting Documents

A Reported as deceased
B Not found at the address
C Refused because voter is abroad
D Refused because the Document has another person's image
E Refused by the voter himself
F Other reasons

23rd May, 2008

DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI EDUKATTIVI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Ngħarrfu illi, b'riferenza għall-avviż għall-post imsemmi hawn fuq, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Mejju, 2008, f'paġna 6493, il-paragrafi minn (ċ) sa (e) għandhom ikunu kif ġej:

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-*GCE*/Matrikola/*SEC*/*Matsec* (1-5) li juru *"passes"* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli.

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn skrivan.

(d) ikollhom *'passes'* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni).

It-23 ta' Mejju, 2008

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

It is notified that, with reference to the notice for the above-mentioned post, published in the Government Gazette dated 9th May, 2008, on page 6493, paragraphs from (c) to (e) should read as follows:

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at ordinary level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk;

(d) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

23rd May, 2008

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*